MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 10/2009

**Turista Ltd**

**Vs**

**Credinvest International Corporate Finance Limited (C 21795)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf, disa' mija u dsatax-il ewro u erbghin centezmu (€1919.40) rapprezentanti prezz ta' servizzi rezi mis-socjeta' attrici fuq struzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra interpellatorja datata 23 ta' Dicembru, 2008 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-

imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi l-konvenuti naqsu li jidhru ghas-seduta ta` llum.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2009 mill-Avukat Dr Joseph Zammit, LL.D u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------